MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 1427/2001/1

**Digitech Company Limited**

**vs**

**Cogeco s.a.s. ta' Latina, Italia u b'digriet tal-Qorti ta' l-20 ta' Marzu, 2002 gie nominat kuratur deputat Dr. Peter Borg Costanzi biex jirraprezenta l-istess kumpanija u b'nota tal-25 ta' Marzu, 2002, Giorgio Ciavardini, direttur tas-socjeta' konvenuta, assuma l-atti ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fit-8 ta' Awissu, 2001, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta' konvenuta, permezz ta' citazzjoni pprezentata fl-ismijiet inversi (numru 1913/96RCP), fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili wara illi ppremettiet r-ragunijiet illi ghalihom hija kienet qeghda tippromuovi dik l-azzjoni, talbet lill-Qorti tilqa' s-segwenti talbiet:-

a) Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh abbazi tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili

b) Tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas lis-socjeta' konvenuta s-somma ekwivalenti f'Liri Maltin ghall-US$16,597 u ta' Lit 4,960,260

Is-socjeta' attrici, hemm konvenuta, eccepiet illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici la kien cert u likwidu u wisq lanqas dovut u ghalhekk ma kienux jesistu l-elementi preskritti mill-Ligi biex tinqata l-kawza; *in oltre*, l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici mhux dovut peress illi l-materjal u xoghol li ghalih qieghed jintalab il-hlas ma kienx tal-kwalita' pattwita u fl-ahhar nett, parti sostanzjali tal-materjal kien supplit b'xejn biex jirrimpjazza materjal precendentement ikkonsenjat u mhallas li kien totalmnet difettuz, liema materjal intbghat *"senza pagamento"*;

B'sentenza moghtija minnha fit-30 ta' Jannar, 2001 l-istess Onorabbli Prim 'Awla tal-Qorti Civili iddecidiet dik il-kawza billi laqghet it-tieni talba attrici u kkundannat lis-socjeta' attrici thallas lis-socjeta' konvenuta s-somma ekwivalenti f'Liri Maltin ghall-US$16,597 u ta' Lit 4,960,260;

Is-socjeta' attrici, *stante* illi l-avukat li kien qieghed jippatrocinaha kien gie elevat ghall-gudikatura w hija ma kienet taf xejn aktar dwar il-kawza, saret taf bl-ezitu tal-kawza permezz ta' ittra datata 12 ta' Mejju, 2001 indirizzata mill-avukat tas-socjeta' konvenuta u li hija rceiviet gimgha wara;

Is-socjeta’ attrici qieghda titlob is-smiegh mill-gdid tal-kawza deciza mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Jannar, 2001 ghat-tenur tal-Artikolu 811(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta peress illi t-talba tas-socjeta’ konvenuta fic-citazzjoni fuq indikata kienet ibbazata fuq kontegg redatt b’mod qarrieqi sabiex jottjenu aktar minn dak li kien lilha dovut u li ghalhekk ghandhom jitqiesu li jinficcjaw il-proceduri mehudha b’qerq;

L-fatti illi taw lok ghal dina l-istanza kienu dawn:-

i. Is-socjeta’ attrici kienet xtrat diversi merkanzija minghand is-socjeta’ konvenuta, li ghaliha kien qieghed isir diversi hlasijiet akkont;

ii. Fit-8 ta’ Jannar, 1993, il-partijiet wara diversi diskussjonijiet dwar il-hlas, waslu fi ftehim dwar kif kellu jitkompla jsir il-hlas – dana il-ftehim gie esibit mis-socjeta’ konvenuta u mmarkat Dok GC 6, *a fol* 31 tal-process quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti;

iii. Skond l-istess ftehim, is-somma li kien hemm pendenti bejn il-partijiet kienet ta’ 11,597USD, liema hlas kellu jsir skond kif miftiehem u mnizzel fl-istess ftehim;

Sussegwentement ghall-iffirmar tal-ftehim, dak in-nhar stess, il-partijiet ftiehemu li mis-somma ta’ 11,597USD, s-somma ta’ 5,000USD kellha tithallas sa l-ahhar ta’ Jannar ta’ dik l-istess sena, filwaqt illi l-bilanc jibqa’ dovut skond kif miftiehem – dana gie imnizzel mir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici stess, u dana bil-miktub, kif jidher fl-istess dokument fuq imsemmi w esebit mis-socjeta’ konvenuta;

iv. Firl-mori tal-installar tal-merkanzija kkonsenjata mis-socjeta’ konvenuta, s-socjeta’ attrici ntebhet li kien hemm merkanzija totalment difettuz u, wara diskussjonijiet mas-socjeta’ konvenuta, l-istess socjeta’ konvenuta ghaddiet merkanzija ohra sabiex taghmel tajjeb ghal tali merkanzija difettuza, u dana *“senza pagament”*, kif jidher fid-dokument hawn anness u mmarkat Dok AF1;

v. Eventwalment, is-socjeta' konvenuta intavolat il-kawza li taghha qieghda tintalab ir-ritrattazzjoni u, fit-talba, s-socjeta' konvenuta talbet illi s-socjeta' attrici thallas 16,597USD, u dan billi ghaddiet is-sommom indikati fil-ftehim tat-8 ta' Jannar, 1993, u talbet ukoll illi l-istess socjeta' attrici thallas Lit 4,960,260 bhala l-import dovut minnha ghall-merkanzija li kienet ghaddiet lill-istess socjeta' attrici *"senza pagamento"*;

vi. L-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-konsiderazzjonijiet taghha, fit-tieni paragrafu *et seq* ta' pagna 8, indikat li l-ammont dovut mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta skond il-ftehim esebit u hawn fuq indikat, kien ta' 16,597USD, fatt li ma huwiex minnu w huwa l-frott tal-qerq tas-socjeta' konvenuta fil-procedura li kienet qed tinstema quddiem l-Ewwel Qorti meta, fl-inizjar ta' tali procedura, talbet ghal aktar minn dak li kien lilha dovut, u dana filwaqt li, l-ewwel nett, kienet *ben konsapevoli* tal-fatt li l-USD 5,000 indikati fil-ftehim ma kellhomx jinghaddew mal-ammont ta' USD 11,597, izda kellhom, *semmai*, jitnaqqsu, la darba ssir il-hlas u, fit-tieni lok, keinet *ben konsapevoli* li l-import ta' Lit 4,960,260 ma kienx dovut peress illi hija stess kienet ghaddiet tali merkanzija *"senza pagamento"*.

*Stante* li t-terminu tal-appell kien skada, l-istanti kellha, ta' bilfors, tirrikorri ghal procedura odjerna ta' ritrattazzjoni sabiex jigi rimedjat dana l-ingustizzja gravi li sehh fil-konfront taghha, ingustizzja frott ta' qerq tas-socjeta' konvenuta fl-intavolar tal-proceduri kontriha, u li minnha ma kellhiex l-opportunita' li tappella minhabba l-iskadenza tat-terminu tal-appell.

Jezistu ragunijiet validi fil-Ligi biex issir ir-ritrattazzjoni tal-kawza ghat-tenur tal-Artikolu 811 (a) tal-Kodici tal-Procedura u Organizazzjoni Civili (Kap 12)

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li hemm ragunijiet validi fil-Ligi biex issir ir-ritrattazzjoni tal-kawza ghat-tenur tal-Artikolu 811 (a) tal-Kap 12.

2. Thassar is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Jannar 2001 fl-ismijiet *“Cogeco s.a.s. ta’ Latina Italja vs Digitech Company Limited”* (Citazz 1913/96RCP).

3. Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza abbazi tal-imsemmija artikolu 811 (a) tal-Kap 12.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-20 ta’ Marzu, 2002, li in forza tieghu gie konfermat Dr. Peter Borg Costanzi bhala kuratur biex jirrapprezenta lis-socjeta’ konvenuta ghall-finijiet kollha tal-ligi;

Rat in-nota tal-25 ta’ Marzu, 2002, li in forza taghha Giorgio Ciavardini, direttur tas-socjeta’ konvenuta, assuma l-atti ghan-nom u *in rapprezentanza* tas-socjeta’ konvenuta;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

L-attur qieghed jibbaza talba ta’ ritrattazzjoni fuq allegat b’qerq *da parti* ta’ l-eccipjent. Din hija emfatikament michuda. L-eccipjent sempliciment ottjena s-sentenza fuq kreditu lilu dovut abbazi tal-provi minnu mressqa wara valutazzjoni debita mill-ewwel Onorabbli Qorti. Certament l-attur ma jissodisfax il-kwiziti ta’ l-Artikolu 811A u 812 tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili u dan *stante* illi dak li qieghed jittanta li jaghmel f’dawn il-proceduri huwa li jattakka kawza li ghaddiet ingudikat billi jressaq provi u jittratta l-kaz li allega li naqas li ghamel minhabba l-adempjenza tieghu nnifsu fl-ewwel *round*.
Il-procedura ta’ ritrattazzjoni hija wahda specjali u limitata u f’dan il-kaz l-esponenti m’ghandux dubju li r-ritrattant qieghed jabbuza mis-sistema guridika Maltija billi huwa

evidenti li mill-korp ta' citazzjoni minnu proposta li dan huwa kompletament impernjat fuq in-nuqqasijiet tieghu nnifsu li wera dizinteress kbir fil-kawza li giet deciza u jekk huwa naqas milli jressaq il-provi jew jaghmel dawk is-sottomissjonijiet li jidhirlu li kellu jaghmel, ghal dan jahti hu biss u hadd iehor.

*In oltre*, minghar pregudizzu ghal premess, l-esponenti jissottometti li kontrarjament ghal dak allegat mill-attur, l-ammont dovut mir-ritrattant lill-eccipjenti huwa dak korrettament deciz mill-Qorti fil-Prim'Istanza u jekk saru xi pratiki bejn il-partijiet biex javallaw lill-attur u forsi sabiex jiffranka xi dazju jew imposti lokali, dan ma jistax ikun ta' aval ghar-ritrattant f'dan l-istadju.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-25 ta' Novembru, 2003, li in forza taghha inhatret l-Assistent Gudizzjarju, Dr Claudine Galea, sabiex tisma' l-kontro-ezami tax-xhud Ibrahim Sherif, f'data u hin li fihom hi tkun informata li x-xhud ikun jinsab hawn Malta;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' dan ix-xhud migbura mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi s-socjeta' attrici kienet giet fil 5 ta' Gunju, 1996 mharrka mis-socjeta' konvenuta biex thallas s-somma ekwivalenti fi flus Maltin ghal US$16,597 u ta' Lit 4,960,260. Il-kawza bdiet bil-procedura sommaria, izda s-

socjeta' attrici kienet inghatat il-fakolta' li tikkontesta l-kawza u, fil-fatt, resqet in-nota tal-eccezzjonijiet taghha. Din il-Qorti, f'dik il-kawza (citazzjoni numru 1913/96) kienet semghet il-provi tal-partijiet, u b'sentenza moghtija fit-30 ta' Jannar, 2001, kienet sabet kontra s-socjeta' Digitech li giet ikkundannata thallas l-ammont mitlub.

Is-socjeta' attrici, konvenuta fil-kawza l-ohra, ma interponietx appell minn dik is-sentenza, u dana peress li, skond hi, l-Avukat taghha ta' dak iz-zmien kien gie elevat ghall-gudikatura u *"ma kienet taf xejn aktar dwar il-kawza"*.

Issa s-socjeta' Digitech qed tressaq dawn il-proceduri fejn qed titlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza fuq il-bazi tal-artikolu 811(a) tal-Kap 12, li jiddisponi li parti tista' titlob ir-ritrattazzjoni ta' kawza ohra deciza *"jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara tal-ohra"*.

Din il-Qorti thoss li, qabel xejn, trid tara jekk is-socjeta' attrici tissodisfax ir-rekwizit tal-artikolu 812 u dan peress li s-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni hija sentenza ta' qorti ta' l-ewwel grad. L-imsemmi artikolu 812, fil-fatt, jipprovdi illi:

*"812. Ir-ritrattazzjoni tal-kawza deciza b'sentenza moghtija minn qorti ta' l-ewwel grad, u li ghaddiet f'gudikat, tista' tinghata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell".*

*Kwindi*, s-socjeta' attrici trid tissodisfa lill-Qorti li hi kienet taf bil-fatti tal-allegat qerq <u>wara</u> li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell.

L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa rimedju eccezzjonali nkwantu jikkostitwixxi deroga mir-regola generali li *"res judicata pro veritate habetur"*. Konformement il-Qrati taghna dejjem sostnew li dan ir-rimedju tant straordinarju ghandu dejjem jigi ristrett ghall-kazi kontemplati fil-ligi u li

tinghata interpretazzjoni ristretta tal-ligi. Fis-sentenza moghtija fis-26 ta' April, 1993 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Karmenu Mifsud Bonnici noe et vs John Scicluna noe et", gie osservat li *"L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wiehed specjalissimu li jippermetti li kawza tigi ezaminata ghat-tielet darba. L-organizzazzjoni ta' l-ordni gudizzjarju fl-istruttura taghha hija ta' zewg gradi – prim'istanza u appell – mentri r-ritrattazzjoni tintroduci t-tielet grad bhala mizura eccezzjonalissima intiza principalment biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi, minhabba fatturi li jkunu jew sfuggew l-ezami ta' l-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi jew li jkunu issoprevvenew, basta li f'ebda kaz dawn il-fatturi ma jkunux dovuti ghan-negligenza procedurali ta' min jitlob ir-ritrattazzjoni".*

L-istess Onorabbli Qorti tal-Appel fis-sentenza moghija fis-7 ta' Marzu, 1992 fil-kawza "**Mark Causon vs Carmel Portelli noe et**", b'rispett lejn il-principji hawn fuq enuncjati osservat li *"Il-gurisprudenza taghna konstantement irriteniet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi ligi bejn il-kontendenti, u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita' jew il-gustizzja. Il-guristi Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima* ***res judicata pro veritate habetur*** *… Minn dak li ntqal isegwi li r-regoli li jiggvernaw ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima (Koll. Vol. XXVII – 1 – 818). Diversament, taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombenti jkun jista' jerga jiftah il-kawza, u hekk, indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza (Koll Vol. XLIII –1 – 227) haga li mhux permessa mill-ligi"*.

Fil-kuntest ta' ritrazzjoni ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel grad, intqal *a propositu* fil-kawza "Benjamin Sultana vs Giuseppe Sammut", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Dicembru, 1964;

*"Anqas il-fatt li ma jkunx sar appell mhux fih innifsu raguni ta' eskluzjoni mir-ritrattazzjoni. Dak li l-ligi tipprovdi hu biss illi, fil-kaz ta' talba ghar-ritrattazzjoni deciza*

*b'sentenza tal-Qorti ta' prim'istanza li tkun ghaddiet f'gudikat jenhtieg illi l-parti li titlob ir-ritrattazzjoni tkun giet taf bil-fatti li jaghtu lok ghaliha wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell. Naturalment jekk il-parti li titlob ir-ritrattazzjoni kienet taf bil-fatti li jaghtu lok ghaliha meta hi kienet ghadha utilment tinqeda bir-rimedju ordinarju ta' l-appell hu sewwa li hi ma tkunx tista' tigi ammessa li tezercita r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni".*

Premessi s-suesposti rilevanzi tal-principju, jidher li l-interpretazzjoni l-aktar konkordi tad-dispost tal-ligi fl-artikolu 812 tal-Kap 12 hi dik li r-ritrattand jenhtieglu jissodisfa ukoll bhala pre-kondizzjoni ghall-aditu tat-talba tieghu ghar-ritrattazzjoni illi hu sar jaf bil-fatti li jintitolawh iressaq talba bhal din wara li kien skorra z-zmien ta' l-appell. Ghall-aktar aprofondiment fuq din it-tematika ara sentenza tal-Onorobbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **"Arthur Taliana et vs Godwin Falzon pro et noe"**, deciza fil-5 ta' Marzu, 2003, u dik l-ohra fl-ismijiet **"Vincent Azzopardi vs Blye Engineering Co. Ltd"**, Prim'Awla, 28 ta' Jannar, 2004.

Gja fid-decizjoni fl-ismijiet **"Joseph Cardona vs Marija Scicluna"**, Prim'Awla, per Imhallef Joseph Said Pullicino, 5 ta' Ottubru, 1994, kien gie rimarkat illi *"il-bazi ta' dan il-provvediment li jirregola l-istitut tar-ritrattazzjoni ssib l-ispirazzjoni taghha mill-principju kardinali li s-sistema gudizzjarju hu mibni fuq l-opportunita' ta' appell wiehed minn sentenza ta' l-ewwel grad u li ma hux permess hlief f'kazijiet eccezzjonali li l-Qorti terga' tikkonsidra dak li jkun b'mod jew iehor ghadda in gudikat u jaghmel stat bejn il-partijiet. Hu ghalhekk li gustament il-ligi tal-procedura biex tiffavorixxi l-istat ta' certezza ta' dritt tkompli targina u tillimita l-opportunita' ta' ritrattazzjoni ta' kawzi decizi mill-Qorti ta' l-ewwel grad ghall-kazijiet eccezzjonali kif provvdut fl-Artikolu 812 fuq citat. Kazijiet li jezigu bhala rekwizit sine qua non illi l-parti tkun giet taf bil-fatt li mhabba fih tkun qed titlob ir-ritrattazzjoni wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell".*

Is-socjeta' attrici, f'din il-kawza, qed tibbaza t-talba taghha fuq l-allegazzjoni li t-talba tal-kontro-parti kienet bbazata

fuq kontegg redatt b'mod qarrieqi. Dan jista' jew ma jistax ikun minnu, *pero'*, b'daqshekk m'ghandux ukoll ifisser li hi ma kienetx taf bis-sentenza, ghax hi messa kienet taf biha kieku ndenjat ruhha issegwi l-perkors taghha. Il-kawza mhux tal-Avukat izda tal-partijiet, u hu obbligu ta' kull parti f'kawza li ssegwi l-kawzi li fihom ikunu involuti. Certament, fil-fehma ta' din il-Qorti, is-socjeta' attrici ma tistax tippretendi li ghall-inerzja taghha, ghandha tigi premjata bir-rimedju tar-ritrattazzjoni. Proprju ghax straordinarju, dan ir-rimedju ma jidhirx li hu miftuh lil kull min ihalli l-kawza tigi deciza u t-terminu tal-appell jiddekorri biex imbaghad jirrikorri ghall-istess rimedju.

Kif rilevat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>"Attilio Crescuoli noe vs Negte Salvatore Zammit"</u>**, Qorti Kummerc, 21 ta' Frar 1920 (**Vol XXIV PIII P780**), *"gli attori dovevano almeno verificare che cosa fosse divenuto della causa ed avrebbero potuto facilmente verificare che la sentenza era stata data in tempo utile per la interposizione dell'appello. Gli attori non pretendono che i fatti dai quali a loro giudizio, risultano i motivi per la ritrattazione siano venuti a loro cognizione dopo il decorrimento del termine per l'appello, ma bensi di non essersi curati di verificare, in tempo utile, che cose fosse divenuto della causa e di essere venuti in cognizione della sentenza, dopo trascorso il termine per l'appello".*

Il-fatt li l-Avukat precedenti tas-socjeta' attrici gie elevat ghall-gudikatura, ma kellux iwassal li hi titlef kull kuntatt mal-kawza. Is-socjeta' attrici kellha hi stess issegwi l-kawza taghha, u jekk kienet qed tistrieh fuq l-Avukat taghha, meta dan gie mahtur Imhallef, kellha zgur tipprocedi urgentement billi tivverifika fuq l-istadju li tkun waslet il-kawza taghha u tiehu l-passi opportuni.

Barra minn dan, jekk qed jallegaw li s-socjeta' konvenuta ibbazzat il-kalkoli taghha fuq qerq, is-socjeta' attrici kellha kull opportunita' li tikkontradici dak li kien qed jinghad kontra taghha, u dan billi tressaq l-provi taghha quddiem dik il-Qorti li kienet qed tisma' l-kaz tas-socjeta' konvenuta. Fil-fatt, f'dawn l-atti il-prova tal-allegat qerq, ressquha bix-xhieda ta' Ibrahin Sherif u, 'l aktar ta'

Anthony Fenech, li fil-fatt kien xehed ukoll fil-kawza l-ohra. Li dan ma kienx lahaq kompla bix-xhieda tieghu fil-kawza l-ohra ma hu tort ta' hadd hlief tas-socjeta' attrici stess li naqset fl-opportunitajiet moghtija lilha li tressaq lil Anthony Fenech biex ikompli jixhed. F'din il-kawza ma jirrizulta xejn gdid fit-tesi tas-socjeta' attrici li ma tressaqx jew li ma setghax jittressaq fil-kawza l-ohra. Fil-kawza deciza f'Jannar tal-2001, is-socjeta' attrici kellha kull opportunita' tirribatti l-pretenzjoni tas-socjeta' konvenuta, u dak li m'ghamlitx f'dawk il-proceduri ma tistax issa tipprova taghmlu bir-ritrattazzjoni. Il-mod kif u ghalhiex is-socjeta' konvenuta, fil-kawza l-ohra, kienet qed titlob hlas tas-somma indikata, kellu jigi kontestat f'dik il-kawza, fejn is-socjeta' attrici kellha kull opportunita' tipprova tohrog il-*"qerq"* tal-parti l-ohra; li dan ma ghamlitux ma hu tort ta' hadd hlief taghha, *pero'*, f'dawn il-proceduri ma jirrizulta ebda suppost qerq li s-socjeta' attrici saret taf bih wara li ghalaq iz-zmien tal-appell. Is-socjeta' attrici ma tistax, ghat-traskuragni taghha, tippretendi li tinjora d-dispost tal-artikolu 812 biex minflok tippretendi b'jedd li ghandha jkollha aditu ghar-rimedju tas-smiegh mill-gdid tal-kawza.

Il-Qorti tosserva wkoll li meta l-Avukat precedenti tas-socjeta' attrici gie elevat ghal-gudikatura, din il-Qorti, fl-ewwel seduta wara l-hatra, kienet iddiferit il-kawza ghal-xahrejn biex dik is-socjeta' ikollha opportunita' tqabbad Avukat iehor. Fis-seduta ta' wara, *pero'*, is-socjeta' attrici la dehret u lanqas inkarigat Avukat iehor li jidher ghaliha. Ghal dan it-traskuragni, is-socjeta' attrici ma tistax issa titlob rimedju straordinarja li hu intiz biss ghal-kazijiet genwini ta' nuqqasijiet.

Apparti dan, procedura ta' ritrattazzjoni ma hix okkazjoni ohra biex il-parti telliefa terga' tressaq l-argumenti taghha wara li dawk l-argumenti ma rebhulhiex il-kawza. L-Onorabbli Qorti tal-Appell kellha okkazjoni tfisser kif ikun il-qerq illi jwassal ghat-thassir ta' sentenza biex il-kawza tinstema mill-gdid, meta f'sentenza li nghatat fl-14 ta' Novembru, 1997, fil-kawza "Carmel sive Lirio Borg vs Henry Thake", qalet illi:

*"… … … is-subinciz (a) ta' l-artikolu 811 ma jaghtix lok ghal ritrattazzjoni "fil-kaz li jkun hemm frodi". Is-smiegh mill-gdid jista' jigi akkordat biss "jekk is-sentenza tkun ittiehdet b'qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara tal-parti l-ohra". Il-qerq jew il-frodi allura ma jridux ikunu jirrizultaw jew ma jridux ikunu relatati mal-meritu li pprovoka l-vertenza u li gie ttrattat quddiem il-qrati u minnhom deciz imma jridu jkunu jirrizultaw jew ikunu relatati mal-proceduri decizi bis-sentenza appellata u bihom inficcjata. Is-subinciz jipprovdi ghal smiegh mill-gdid fil-kaz fejn is-sentenza tkun ittiehdet b'qerq u mhux fejn il-pretensjoni ta' l-attur fit-talba tkun ghal kreditu li origina minn agir allegatament delittwuz jew qarrieqi tal-konvenut".*

Il-qerq, allura, jrid ikun qerq gudizzjarju, jigifieri inerenti mal-proceduri. Il-qerq, fi kliem iehor, irid ikun fil-proceduri li waslu ghas-sentenza li jkun qed jintalab it-thassir taghha, u mhux jifforma l-meritu tal-kawza mismugha u deciza. Is-socjeta' attrici, f'din il-kawza, qed terga tqajjem il-kwistjoni fil-mertu, u huma allegazzjonijiet ta' fatti li graw qabel ma saret il-kawza u gia ngiebu (jew setghu jingiebu) quddiem l-ewwel qorti li, wara li qieset il-provi, tat id-decizjoni taghha dwarhom. Ghalhekk, ma jistghux jitqiesu *"qerq gudizzjarju"* u ma jiswewx ghall-ghanijiet ta' ritrattazzjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi wara li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------